II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Marzu 2011

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela u ta' Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika

(2011/194/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/314/UE [1], il-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela u l-Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika ġew iffirmati f'isem l-Unjoni fil-31.5.2010 u fit-8.6.2010, rispettivament soġġetti għall-konklużjoni tagħhom f'data iktar 'il quddiem.

(2) Dawk iż-żewġ Ftehimiet għandhom jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehimiet li ġejjin huma b'dan approvati:

(a) il-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù u l-Venezwela [2] (il-"Ftehim ta' Ġinevra");

(b) il-Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Banana bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika [3] (il-"Ftehim tal-UE/US").

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jinnomina l-persuni mogħtija s-setgħa jipproċedu, f'isem l-Unjoni, għan-notifika prevista fil-paragrafu 8(a) tal-Ftehim ta' Ġinevra u fil-paragrafu 6 tal-Ftehim tal-UE/US, sabiex jesprimu l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat b'dawk il-Ftehimiet.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2011.

Għall-Kunsill
Il-President
CZOMBA S.

[1] ĠU L 141, 9.6.2010 p. 1.

[2] ĠU L 141, 9.6.2010, p. 3.

[3] ĠU L 141, 9.6.2010, p. 6.